MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 561/2014

**GO plc**
**C22334**

**vs**

**Dybkaer Diana**
**ID54298-(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u hames ewro, disgha u erbghin centezmu (€405.49c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40157815 moghtija mis-Socjeta` attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok.'IZY1' u Dok.'IZY2' – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok.'IZY3' – estratt mir-Registru

Elettorali, u Dok.‘IZY4’ – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gewipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.‘IZY1’ sa Dok.‘IZY3’.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta’ erba’ mija u hames ewro, disgha u erbghin centezmu (€405.49c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------